MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2008

Numru 1559/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carmelo Magri)**

**vs**

**Duncan Robert Petroni**

**Illum, 2 ta' Gunju, 2008**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Duncan Robert Petroni ta' 34 sena bin Philip u Josepine nee' Tabone mwieled San Giljan fil-15 ta' Marzu 1973 u li joqghod 183/4 Triq il-Wied l-Msida, Msida. Detentur tal-karta tal-Identita' bin-numru 185373(m).

Billi gie akkuzat talli fit-30 ta' Awwissu 2006 u fix-xhur ta' wara din id-data, malli sar jaf li xi haga li kienet fil-pusess tieghhu kienet haga misruqa jew haga mehuda b'qerq jew akkwistat b'reat, naqas li jgharraf lill-Pulizija b'dak il-fatt fi zmien gimgha minn meta hekk sar jaf u cioe' kien fil-pusess ta' mobile phone ta' ghamla 'Sony Ericsson-P9 10i' propjeta' ta' Paul Camilleri mill-Furjana.

Fl-istess data u cirkostanzi, xjentement, laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, ndahal biex ibighhom jew imexxihom.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok CM3 u nnutat li l-imputat Duncan Robert Petroni m' ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li t-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat inkwadrata fl-Art. 334 tal-Kap. 9 inghatat bhala akkuza alternattiva ghall-ewwel akkuza inkwadrata fl-Art. 334 A tal-Kap. 9 u ghaldaqstant talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzoni ulterjuri tat-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat.

Innutat ukoll li l-imputat, fl-ezami tieghu, wiegeb li hu hati ta' l-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-

ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ wiegeb li hu hati ta’ l-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-oggett mobile phone “Sony Ericsson-P910i” jinsab fil-pussess tal-pulizija biex jigi ritornat lil sidu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 334A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Duncan Robert Petroni, fuq ammissjoni, hati tal-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, u l-fedina penali tal-imputat tillibera lill-imputat Duncan Robert Petroni taht il-Provediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma’ jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2) millum.

Inkwantu ghat-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat Duncan Robert Petroni, fid-dawl ta’ dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur rigward din it-tieni akkuza fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija tieni akkuza migjuba kontra l-imputat Duncan Robert Petroni.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Duncan Robert Petroni l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------